**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI**

**SEDUTA NRU. 46**

**IT-TLIETA 5 TA' MEJJU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill. (Din il-laqgħa saret wara li l-laqgħa tal-Ħamis 30 ta' April ma saritx minħabba li ma kienx hemm *quorum*).

**PREŻENTI (Erba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Kunsilliera** Charles Fava, Raymond Balzan u Dorian Bugeja.

**Il-Viċi Sindku** Darleen Zerafa, u l-**Kunsilliera** Antonia Attard Gialanze u James Cauchi kienu skużati minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**46/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU 45**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 45, li nżammet nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Charles Fava** ssekonda.

**Ivvutaw Favur l-erba' (4) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 45**.

**46/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2009 DOK 'A1- 3'**

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill il-listi ta' Pagamenti għax-xahar ta' Marzu, li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija:

a. Pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2009
b. Petty Cash għax-xahar ta' Marzu 2009
c. Pagamenti li għad iridu jsiru

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta' pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier Dorian Bugeja** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-Erba' (4) Kunsilliera preżenti.** Il-Kunsill unanimament approva l-Pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2009, kif ukoll il-pagamenti li għad iridu jsiru.

**46/03 RAPPORT FINANZJARJU APRIL 2008 – MARZU 2009**

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport finanzjarju għas-sena 2008-2009, liema rapport kien iċċirkulat u meħud bħala moqri.

**Is-Sindku** stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega d-dokument imħejji u mressaq f'egħluq din is-sena finzanzjarja u jippreżenta analiżi tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2009 wara sena oħra ta' ħidma. Is-Sindku stieden ukoll lill-Kunsilliera sabiex waqt dan l-intervent iressqu l-kummenti jew il-mistoqsijiet tagħhom fuq dan ir-rapport.

**Is-Sur Farrugia** fisser fid-dettal l-*accounts* tal-Kunsill għas-sena April 2008 - Marzu 2009 u ppreżenta analiżi dettaljata tal-*accounts* u tal-pożizzjoni finanzjarja preżenti tal-Kunsill. Huwa spjega fid-dettal l-i*Statement of Income and Expenditure* fejn is-*Surplus* għal din is-sena huwa ta' €12,287 li jkkompara tajjeb ma' dak tas-sena ta' qabel. Kif ukoll l-i*Statement of Affairs* li joħorġu mir-rapport ippreżentat, fejn il-Kunsill spiċċa din is-sena finanzjarja b'Assi Kurrenti li jammontaw għal €107,286, li għal din is-sena sejjer jindika perċentwali għolja ma' l-ammont li kien allokat mill-Gvern Ċentrali, jiġifieri l-ammont ta' € 287,835 skond kif imfisser fid-dispożizzjoni ta' AL 323 P1.05 (d.07) (i) u AL 324 Sezzjoni 2 (bi).

Kien imfisser u analizzat, għall-informazzjoni tal-Kunsilliera, kemm id-dħul kif ukoll l-ispejjeż li saru mill-Kunsill matul is-sena 2008-2009, kif ukoll dawn il-figuri kienu mqabbla ma' l-ispejjeż tas-sena ta' qabel. Kien imfisser kif matul din is-sena l-Kunsill irnexxielu jagħmel xogħolijiet u attivitajiet mingħajr ma jieqaf minn xogħolijiet statutorji fil-lokalita'.

Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ammont li jidher taħt id-Debituri, partikolarment dak tal-*Local Enforcement System*, fejn għal sena oħra qed jirriżulta li l-Kunsill għandu ammont konsiderevoli fi ħlasijiet ta' kontravvenzjonijiet li għadhom mhux miġbura. Kien għalhekk enfażizzat il-bżonn li l-Kunsill ikompli jistinka u jaħdem sabiex dawn il-flejjes jinġabru mill-aktar fis, inkella il-pożizzjoni ta' *Cashflow* għall-Kunsill żgur kienet ser tmur lura. Dan qed jirriżulta minħabba li s-sistema li preżentement qed titħaddem, fejn jinġabru ċ-ċitazzjonijiet pendenti mal-ħlas tal-liċenzji tal-karozza, xi ftit jew wisq falliet, la hemm dawn l-ammonti ta' numru ta' snin b'lura mhux imħallsa u l-flus mhux miġbura.

Is-sur Farrugia ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' l-ispejjeż kontrattwali fejn din l-ispiża żdiedet konsiderevolment minn €179,872

tas-sena ta' qabel, għal €200,006 matul din is-sena finanzjarja, u fejn meta wieħed janalizza komparattivament l-ammonti skont il-Kuntratti li l-Kunsill qed iħaddem, wieħed jinnota li kien hemm żidiet marġinali li jirriflettu sew il-kuntratti ġodda b'rati ogħla, kif ukoll żidiet fl-ispiża tal-*Waste Disposal Bring-in Sites* li laħħqet is-somma ta' €3,494, kif ukoll tal-*Bulky Refuse Collection* li telgħet għal €18,173 minn €10,859, u hawnhekk wieħed bilfors jirrimarka li għal dan is-servizz il-Kunsill jingħata Allokazzjoni ta' € 3,293, meta l-ispiża qed tlaħħaq is-somma ta' €18,173. Kien hemm żieda wkoll fil-kuntratt ta' Cleaning and Maintenance tal-Ġonna u Soft Areas li l-ammont totali għal din is-sena laħħaq is-somma ta' €28,196 komparat ma' €11,659 tas-sena ta' qabel. Il-Kunsill bil-ftit li għandu qed jagħti servizz qawwi f'dak li għandu x'jaqsam ma' tindif u ġbir ta' skart fil-lokalita'.

Is-sur Farrugia għadda biex fisser l-ispejjeż li saru tal-Amministrazzjoni, li din is-sena hemm żieda taħt servizzi oħra tal-Uffiċċju ta' € 15,694

Kif ukoll taħt il-vot tas-*Social, cultural and sports activities* bi spiża ta' €22,731 komparat ma' dik tas-sena ta' qabel ta' €1,817, minħabba l-attivitajiet li saru mill-Kunsill speċjalment matul il-ġranet tal-Milied kif ukoll dik fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju mill-kisba tal-Ħelsien. Hemm kuntrast ukoll taħt il-vot tal-*EU projects* li f'din is-sena kienu kollha magħluqa għas-somma ta' €120,814 li għalihom il-Kunsill jistenna li jirċievi lura l-fondi għall-proġetti ta' l-EU.

Kif ukoll din is-sena zdiedet il-proviżjoni għall-LES Doubtful Debts b' €35,717, kważi d-doppju tal-proviżjoni tas-sena ta' qabel li laħħqet €17,573. Dawn huma kontra l-ġbir ta' ċitazzjonijiet li sal-lum għadhom ma rreallizzawx.

Huwa spejga wkoll li din is-sena l-ammonti ta' deprezzament stabbilizza ruhu wara li s-sena l-oħra b'riżultat tas-*software* il-ġdid, li kien introdott dik is-sena, ħarġu figuri ftit li xejn minfuha, figuri li joħroġu mis-*software* ġdid tal-programm. Din is-sena iżda, dan kollu stabilizza sew ruhu, u l-ammont ta' deprezzament huwa ta' €49,058 mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel li kien ta' €42,793.

Wara li ngħatat spjega ta' kull diffikulta' jew mistoqsija li tressqet mill-Kunsilliera, sar mill-ġdid enfażi li l-ħidma pożittiva tal-Kunsill għal din is-sena hija riflessa f'dawn il-figuri finanzjarji miġbura f'dan ir-rapport.

Is-Sindku filwaqt li rringrazzja lill-Aġent Segretarju tal-ispjega li ressaq fil-Kunsill, tenna li l-bilanċ li spiċċa bih il-Kunsill fi tmien din is-sena finanzjarja reġa' kien wieħed pożittiv u dan jindika l-għaqal li bih tmexxiet l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.

**Is-Sindku** għadda biex ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni.

"Billi tħejja r-Rapport Annwali *Report and Financial Statements* għas-sena li spiċċat fil-31 ta' Marzu 2009, bil-*financial statements* kollha sabiex jitressqu għall-awditjar,

U billi dawn il-*financial statements* għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kunsill sabiex ikunu approvati, biex jitressqu lill-Awditur Ġenerali għall-awditjar (Proċedura P2.05A). Nipproponi li l-Kunsill japprova dan ir-rapport."

**Il-Kunsillier Dorian Bugeja** ssekonda l-mozzjoni.
**Ivvutaw Favur l-erba' Kunsillier preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni** u dan id-dokument issa għandu jintbagħat lill-Awditur Generali, u lill-Awditur tal-Gvern

**46/04** **ANNUAL BUDGET 2007-2008** **DOK 'C'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** għadda biex ressaq il-**Budget għas-Sena 2009-2010** li ttieħed bħala moqri.

'Billi l-Budget għas-Sena 2009-2010 jenħtieġ li jiġi approvat, il-Kunsill mitlub li jikkonsidra dan id-dokument li qed inressaq, sabiex wara li jkun approvat, jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsill Lokali kif titlob il-Liġi.'

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** talab lill-Aġent Segretarju sabiex ifisser dan id-dokument li qed jitressaq.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li l-fondi allokati lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2009-2010 sejrin ikunu €333,935 b'żieda ta' €46,100 fuq l-ammont allokat is-sena ta' qabel. Din iż-żieda taħseb għar-rati tal-Kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' l-iskart. L-ammont li qed ikun ikkalkulat li jidħol mis-sistema ta' LES huwa ta' €62,500 li juri ukoll żieda fuq l-ammon tas-sena ta' qabel. Għalhekk id-dħul tal-Kunsill hu stmat li se jlaħħaq l-ammont ta' €447,236, żieda ta' €117,044 fuq l-ammont tas-sena ta' qabel.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-infieq, dan ir-rapport jaħseb għall-infieq bilanċjat fl-oqsma kollha tal-operazzjonijiet tal-Kunsill. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ispiża maħsuba għall-emolumenti personali, qed ikun ikkalkulat żieda ta' €10,996 minħabba li qed ikun previst li jkun hawn Segretarju Eżekuttiv ġdid *full time*. Fir-rigward ta' spejjeż ta' *Operations and Maintenance* għas-sena li ġejja qed ikun ipproġettat żieda fit-tiswijjiet tat-toroq u tal-bankini, żieda ta' €10,805, kif ukoll żieda ta' €40,048 f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi b'kuntratti, li fihom jinkludu l-ġbir ta' l-iskart.

Fl-aħħarnett dwar il-proġetti kapitali qed ikun previst żieda fl-infieq ta' madwar €37,000 li jinkludu xogħol f'bini ta' toroq kif ukoll apparat ġdid għall-uffiċċju tal-Kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kompla jfisser kif dan il-Budget huwa

bbilanċjat, maħsub sabiex ikompli jsaħħaħ il-finanzi tal-Kunsill bil-għan li l-ħidma tinfirex u titkattar matul il-Kunsill li jmiss, mingħajr ma jitnaqqas xejn mill-attenzjoni tal-Kunsill fir-responsabbilitajiet kollha li għandu, kif ukoll mill-aspetti l-oħra ta' Ambjent, dawk Soċjali u dawk Kulturali f'Bormla.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ppropona li jittieħed vot fuq il-mozzjoni dwar il-Budget 2009-2010.

Saret votazzjoni b'dan ir-riżultat; **Ivvutaw Favur l-erba' Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva l-Budget Annwali 2009-2010.**

**46/05 FTEHIM DWAR IL-PROPOSTA TAS-ST. GEORGE'S FC**

**Is-Sindku** fisser il-proposta tal-Club tas-st George's li jsir trasferiment mingħand is-sur Zaren Vassallo, VBGL lis-St. George's Football Club tal-ground tal-five-a-side. Dan il-ftehim qed ikun maqbul ukoll mal-Malta Football Association li sejrin jgħinu b'investiment ta' 50% tal-prezz ta' dan l-investiment u possibilment anke permezz tal-fond tal-Good Causes u l-Kunsill Malti għall-iSports.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ppropona li kemm-il darba dawn l-għajnuniet jimmaterjalizzaw, il-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-ftehim li jista' jseħħ fi ftit ġranet oħra,

**Il-Kunsillier Charles Fava** ssekonda.

**Il-Kunsill unanimament approva.**

**46/06** **Is-Sindku** ppropona x-xiri ta' tnax-il qasrija mimlija bil-ħamrija u x-xitel mingħand l-ELC għas-somma ta' €1100 sabiex dawn jitpoġġew bħala qsari ornamentali numru minnhom fi Triq San Lazzru man-naħa t'isfel, kif ukoll fi Triq Alessandra u Triq il-Mithna. Dan anke skont deċiżjoni meħuda fl-aħħar Seduta.
**Il-Kunsillier Charles Fava** ssekonda u l-kunsilliera unanimament approvaw ix-xiri ta' dawn il-qsari.

**46/07** **Is-Sindku Joseph Scerri** fl-għeluq ta' din is-seduta tal-Ħames Kunsill, beda billi rringrazzja lil Viċi Sindku Darleen Zerafa, u lil kull wieħed mill-Kunsilliera li kollha flimkien ħadmu b'għan wieħed komuni, il-ġid ta' Bormla u tal-Bormliżi kollha. Huwa sostna li għalih kienet ħidma komda għaliex verament il-kunsilliera flimkien ħadmu dejjem b'*teamwork* sħiħ. Is-Sindku għadda biex irringrazzja lill-istaff kollu, lil Brian Loffreda, Duncan Hall u Ramona Gatt, kif ukoll lill-Aġent Segretarju John Farrugia, għall-ħidma u impenn li kollha urew fil-ħidma tagħhom għall-Kunsill. Huwa awgura kull suċċess lil dawk il-Kunsilliera li sejrin jikkontestaw l-elezzjoni tas-sitta ta' Ġunju, kif ukoll irringrazzja lil dawk

il-Kunsilliera li ħadmu f'dan il-Kunsill iżda mhux sejrin jerġgħu jikkontestaw l-elezzjoni.

**46/08** **Il-Kunsillier Charles Fava** filwaqt li rringrazzja lis-Sindku u lil sħabu l-Kunsilliera kollha, għadda biex ressaq ir-ringrazzjamenti tiegħu tal-għajnuna li dejjem irċieva mingħand kulħadd, speċjalment mingħand l-istaff kollu, u wiegħed li għalkemm mhux sejjer ikun parti mill-Kunsill li jmiss, huwa dejjem lest jibqa' jagħti kull għajnuna f'kull ma jkun hemm bżonn fil-Kunsill.

**46/09** **Il-Kunsillier Dorian Bugeja** ukoll irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera l-oħra kollha, u tenna li lest ikompli jgħin fil-Kunsill bl-attivitajiet, speċjalment xi ħaġa ġdida għal Ottubru, fil-forma ta' wirja nazzjonali tal-Fotografija, dwar il-festi fl-Irħula u l-Ibliet, u din tkun ħidma ġdida ta' attivitajiet mal-Kunsill li jmiss.

**46/10** **Il-Kunsillier Raymond Balzan** irringrazzja lis-Sindku u lil sħabu l-kunsilliera kollha u lill-istaff kollu li flimkien kulħadd stinka u ħadem għal ġid tal-Lokalita' u tal-pubbliku kollu, u filwaqt li ta l-prosit lill-Kunsillier Dorian Bugeja għax-xogħol tax-xemgħat tul il-ġimgħa l-Kbira, irringrazzja lil Brian Lofreda u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna kollha li ingħata.

Is-Seduta ntemmet fis-6.55 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |